

Brussell, 30 ta' Ġunju 2025  
(OR. en)

11026/25

POLMIL 189  
INDEF 69  
CFSP/PESC 1055  
CSDP/PSDC 430  
COPS 332  
EUMC 258  
IND 241  
COMPET 669  
RECH 310  
ECOFIN 920  
MI 494  
EMPL 342  
EDUC 309  
CADREFIN 75

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 299 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Il-Fond Ewropew għad-Difiża: appoġġ għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet tad-difiża tal-ġejjieni Interim evaluation of the European Defence Fund

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 299 final.

---

Mehmuż: COM(2025) 299 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 17.6.2025  
COM(2025) 299 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-  
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Il-Fond Ewropew għad-Difiża: appoġġ għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet tad-difiża tal-  
għejjieni**

**Interim evaluation of the European Defence Fund**

{SEC(2025) 169 final} - {SWD(2025) 151 final}

## INTRODUZZJONI

Bażi Teknoloġika u Industrijali tad-Difiża (EDTIB, Defence Technological and Industrial Base) tal-UE b'saħħitha, kompetittiva u innovattiva hija prerekwiżit ewlieni biex tinkiseb il-prontezza tad-difiża. Fiż-żmien tal-bidu tal-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF, European Defence Fund), il-programm ta' finanzjament tar-R&Ż fil-qasam tad-difiża tal-UE għall-2021-2027<sup>1</sup>, għexieren ta' snin ta' tnaqqis fl-infiq fid-difiża, żieda fil-kost tar-R&Ż fil-qasam tad-difiża u tat-tagħmir, frammentazzjoni tas-suq u nuqqas ta' kooperazzjoni ħallew lakuni fil-kapaċità kritika fil-forzi armati tal-Istati Membri, li ħafna minnhom jirrikjedu teknoloġiji ġodda u soluzzjonijiet innovattivi.

Iż-żieda fit-theddid għas-sigurtà mit-tnedija tal-fond, ir-ritorn tal-gwerra b'intensità għolja fl-Ewropa u t-tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jikbru, flimkien ma' bidliet teknoloġiċi rapidi, komplew jaggravaw u esprimew b'mod ċar il-problemi li l-Fond għandu l-għan li jindirizza. Għalhekk, ir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) kollaborattivi fil-qasam tad-difiża saru mutur ewlieni biex jinkiseb il-potenzjal sħiħ tal-EDTIB. Barra minn hekk, huwa aċċettat b'mod wiesa' li ffit mill-Istati Membri tal-UE għandhom il-mezzi biex jiżviluppaw l-aktar sistemi ta' difiża kumplessi waħedhom, u l-ebda pajjiż ma jista' jagħmel dan fl-oqsma kollha; b'hekk dan jitlob azzjoni koordinata fil-livell Ewropew.

L-EDF huwa t-tweġiba tal-UE għal din is-sejħa u bidla gradwali fil-mod kif l-UE tappoġġa l-EDTIB. B'baġit ta' EUR 7,3 biljun, għandu l-għan li jrawwem il-kompetittività, l-effiċjenza u l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-industrija Ewropea tad-difiża billi jappoġġa l-kooperazzjoni kollaborattiva u transfruntiera fir-R&Ż madwar l-UE.

B'EUR 5,4 biljun diġà impenjati għar-R&Ż fil-qasam tad-difiża u 162 proġett li għaddejjin bħalissa, l-EDF sar wieħed mill-akbar programmi ta' R&Ż fil-qasam tad-difiża fl-Ewropa. Il-fond attira l-aqwa atturi fir-R&Ż fil-qasam tad-difiża, kif ukoll ħafna kumpaniji mhux tradizzjonali u huwa mistenni li jkollu impatt fuq skala kbira. L-EDF huwa "ffukat fuq l-utent", xprunat mill-ħtiġijiet tal-forzi armati tal-Istati Membri u tan-Norveġja. It-teknoloġiji u l-kapaċitajiet tal-ġenerazzjoni li jmiss fl-oqsma militari kollha — tal-ajru, tal-art, navali, tal-ispazju, taċ-ċibersigurtà — mistennija li jiġu żviluppati bl-appoġġ tal-EDF, li ħafna minnhom ma kinux jimxu 'l quddiem mingħajru. L-EDF qed jipprovdi wkoll valur ċar għall-flus għall-ekonomija tal-UE inkluż b'effetti konsegwenzjali fuq l-applikazzjonijiet ċivili.

Ir-rilevanza dejjem akbar tal-EDF hija kkonfermata mill-attraenza dejjem akbar tiegħu għall-industrija. Kien hemm żieda kostanti fil-proposti sottomessi skont is-sejħiet għall-proposti tal-EDF. Mill-2021 b'140 proposta, u b'baġit annwali stabbli, l-aħħar sejħa għall-proposti (2024) attirat kważi 300 proposta – żieda ta' 25 % minbarra ż-żieda sostanzjali ta' 78 % fl-2023. L-importanza tal-fond hija ssottolinjata wkoll mill-varjetà ta' kontribuzzjonijiet mill-partijiet ikkonċernati sottomessi lill-Kummissjoni matul l-evalwazzjoni *interim* tal-EDF. Ġie pprovdut kontribut minn 330 entità fil-forma ta' madwar 100 tweġiba għall-kwestjonarju, aktar minn 30 dokument ta' pożizzjoni u matul laqgħat u workshops dedikati. Il-partijiet ikkonċernati kkonsultati kienu jinkludu parti rappreżentattiva tal-EDTIB kif ukoll partijiet ikkonċernati ewlenin oħra.

Matul l-ewwel snin tal-fond, l-implimentazzjoni tal-EDF kienet att ta' bilanċjar li kellu l-għan li jirrikonċilja żewġ objettivi doppji iżda xi drabi diverġenti. Minn naħa waħda, l-għeluq ta' lakuni fil-kapaċità kritika billi jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' teknoloġiji u kapaċitajiet

---

<sup>1</sup> L-EDF jibni fuq żewġ programmi prekursori, bi żmien u b'baġit limitati, l-Azzjoni Preparatorja fuq ir-Riċerka dwar id-Difiża (PADR, Preparatory Action on Defence Research) u l-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP, European Defence Industrial Development Programme).

tad-difiża tal-ġenerazzjoni li jmiss, bl-Istati Membri fil-pożizzjoni ewlenija biex jistabbilixxu l-prijoritajiet. Min-naħa l-oħra, l-aċċellerazzjoni tat-trasformazzjoni tad-difiża permezz tal-innovazzjoni, tal-inklużività u billi jiġu attirati atturi tad-difiża ġodda u mhux tradizzjonali. It-tnejn huma mirfudin mill-objettiv ġenerali tad-deframmentazzjoni tal-EDTIB, biex tithegġe il-kollaborazzjoni u jiġi żgurat ritorn soċjoekonomiku.

## **1. L-INDIRIZZAR TAL-FRAMMENTAZZJONI U T-TISĦIĦ TAL-KOLLABORAZZJONI**

L-EDF diġà għandu rwol importanti fit-tisħiħ tal-infiq fir-R&Ż fil-qasam tad-difiża kollaborattiva fl-UE. Sa Marzu 2025, il-Kummissjoni adottat ħames programmi ta' ħidma annwali tal-EDF, li impenjaw total ta' EUR 5,4 biljun għar-R&Ż fil-qasam tad-difiża. Dan jagħmel lill-EDF wieħed mill-aqwa tliet (3) investituri fir-R&Ż fil-qasam tad-difiża fl-UE<sup>2</sup>. Dan l-investment jinkludi madwar nofs it-total tar-riċerka dwar id-difiża kollaborattiva fl-UE. Fuq livell nazzjonali, għalkemm l-entitajiet legali mill-Istati Membri b'industrija tad-difiża kbar u stabbiliti sew, huma l-akbar benefiċjarji tal-finanzjament tal-EDF, tqabbil mal-aktar data reċenti tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA, European Defence Agency) dwar il-finanzjament nazzjonali għar-R&Ż<sup>3</sup> juri **effett pożittiv kbir għall-pajjiżi kollha**, inkluż għall-Istati Membri ta' daqs medju u ta' daqs żgħir b'industrija tad-difiża tradizzjonali limitata. Fl-ewwel sena tal-operat tiegħu<sup>4</sup>, l-EDF diġà pprova finanzjament simili jew oġġla, f'xi każijiet ferm oġġla, għan-nefqa totali nazzjonali fuq ir-R&Ż fil-qasam tad-difiża għal 15-il Stat Membru<sup>5</sup>.

Permezz tal-inċentivi tiegħu, l-EDF **rawwem kooperazzjoni transfruntiera bla preċedent fir-R&Ż fil-qasam tad-difiża** madwar l-UE. Dan jipprova fehim reċiproku u kultura kondiviża fost l-entitajiet involuti, li jgħin biex jiddeframmenta l-EDTIB. Il-162 proġett tal-EDF jinvolvu 1 366 parteċipant uniku<sup>6</sup> minn 26 Stat Membru<sup>7</sup> u min-Norveġja. Dan jinkludi distribuzzjoni ġeografika wiesgħa tal-entitajiet involuti, anke minn reġjuni fejn l-industrija tad-difiża ma hijiex tradizzjonalment prominenti. Filwaqt li l-EDF jirrikjedi kooperazzjoni minn mill-inqas tliet entitajiet legali differenti minn mill-inqas tliet Stati Membri/in-Norveġja, il-proġett medju tal-EDF jikkonsisti fi 19-il parteċipant minn tmien pajjiżi. B'mod ġenerali, l-EDF wera li huwa ta' valur bħala qafas biex jinstabu sħab ġodda, inklużi intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs, Small and Medium-sized Enterprises) u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, kif ukoll biex jiġu estenzi l-kollaborazzjonijiet li għaddejjin bħalissa.

Lil hinn mill-industrija tradizzjonali tad-difiża, l-EDF wera li huwa strument attraenti anke għall-SMEs Ewropej, għall-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u għall-organizzazzjonijiet tar-riċerka. B'mod partikolari, l-SMEs għandhom rwol dejjem akbar bħala fornituri flessibbli ta' teknoloġiji fixkiela u innovazzjoni fis-settur tad-difiża. Bis-saħħa tal-isforzi mmirati biex l-SMEs u l-innovaturi jiġu integrati fl-EDF (inkluż permezz ta' appoġġ lil hinn mill-għotjiet biex jakkumpanjaw it-tkabbir tan-negozju u l-maturità teknoloġika tagħhom ta' ideat innovattivi), l-SMEs **huma involuti ħafna fil-proġetti tal-EDF, u jirrappreżentaw 43 % tal-parteċipanti uniċi** fl-EDF u **jirċievu madwar 20 % tal-finanzjament tal-UE**<sup>8</sup>. F'sitt (6)

<sup>2</sup> Flimkien mal-investimenti nazzjonali fir-R&Ż fil-qasam tad-difiża fi Franza u fil-Ġermanja

<sup>3</sup> [L-Aġenzija Ewropea għad-Difiża – Defence Data 2020-2021 Key Findings and Analysis](#).

<sup>4</sup> L-aħħar data disponibbli għall-pubbliku għan-nefqa nazzjonali fuq ir-R&Ż hija għall-2021

<sup>5</sup> BE, BG, CY, EE, EL, ES, HR, HU, IE, IT, LT, LU, LV, PT, SI

<sup>6</sup> Il-benefiċjarji, l-entitajiet affiljati u s-sottokuntratturi minn Frar 2025. DĠ DEFIS, il-Kummissjoni Ewropea.

<sup>7</sup> L-Istati Membri kollha tal-UE minbarra Malta

<sup>8</sup> SMEs awtodikjarati. DĠ DEFIS, il-Kummissjoni Ewropea. Data mill-proġetti tal-EDF 2021-2023 estratta fi Frar 2025

Stati Membri tal-UE, dawn jirrappreżentaw aktar minn 50 % tal-parteċipazzjonijiet<sup>9</sup>. Il-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja jirrappreżentaw 4 % tal-parteċipanti uniċi, u jirċievu madwar 6 % tal-finanzjament. Filwaqt li l-SMEs jibbenefikaw minn miżuri ta' appoġġ dedikati, il-biċċa l-kbira tal-parteċipazzjonijiet tal-SMEs jaqgħu taħt is-suġġetti tematiċi, u dan jiżgura involviment qawwi fil-programm kollu. **L-għadd ta' SMEs applikanti qiegħed jizzied b'mod kostanti kull sena.** L-aktar sejħiet għall-proposti reċenti, jiġifieri tal-2024, raw żieda ta' 28 % fil-proposti sottomessi minn SMEs u organizzazzjonijiet tar-riċerka meta mqabbla mas-sena ta' qabel.

Billi jippermetti kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-kumpaniji ewlenin, l-SMEs u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u t-teknoloġija, bejn il-kumpaniji tad-difiża u l-kumpaniji ċivili li jiżviluppaw teknoloġiji b'potenzjal ta' difiża u użu doppju u billi jwessa' l-kooperazzjoni fil-ktajjen tal-provvista tad-difiża, l-EDF **jaqdi rwol importanti biex jagħmel l-industrija Ewropea tad-difiża inqas frammentata.**

## **2. L-GĦELUQ TA' LAKUNI FIL-KAPAĊITÀ KRITIKA: L-IŻVILUPP TA' TEKNOLOĠIJI U KAPAĊITAJIET TAD-DIFIŻA TAL-ĠENERAZZJONI LI JMISS**

Filwaqt li l-EDF għadu programm relattivament ġdid (l-ebda wieħed mill-proġetti tal-EDF għadu ma tlesta), **ir-rilevanza tiegħu għall-forzi armati tal-Istati Membri diġà hija evidenzjata mir-rwol tiegħu fl-iżvilupp ta' teknoloġiji u prodotti ġodda fil-qasam tad-difiża** li jindirizzaw lakuni kritiċi fl-oqsma kollha tal-kapaċità. L-adozzjoni tar-riżultati tal-proġetti prekursori tal-EDF mill-forzi armati tal-Istati Membri tagħti indikazzjoni qawwija tal-potenzjal tiegħu.

### **L-iżvilupp ta' kapaċitajiet ewlenin għad-difiża tal-ġenerazzjoni li jmiss**

L-ippjanar u l-programmazzjoni tal-EDF huma "ffukati fuq l-utent", ibbażati direttament fuq il-ħtiġijiet u l-kontribut mill-Istati Membri u min-Norveġja. Għalhekk, dan jiżgura **livell għoli ta' koerenza bejn il-prijoritajiet tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' difiża** kif identifikati fil-qafas tal-Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet (CDP, Capability Development Plan), l-oqsma għal kooperazzjoni potenzjali taħt ir-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD, Coordinated Annual Review on Defence), tipi oħra ta' kooperazzjoni (PESCO, proġetti tal-Kategorija B tal-EDA, u meta jkun rilevanti f'kuntest tan-NATO) **u l-oqsma ta' appoġġ tal-EDF.**

L-EDF jinċentiva lill-Istati Membri tal-UE u lin-Norveġja biex jikkollaboraw fl-iżvilupp ta' teknoloġiji, prodotti u kapaċitajiet tad-difiża tal-ġenerazzjoni li jmiss li jaf ikunu diffiċli jew saħansitra impossibbli li jinkisbu minn pajjiż wieħed. Minħabba l-iskala tal-appoġġ tal-EDF fi proġetti kbar ta' riċerka u żvilupp fil-qasam tad-difiża (eż. il-Korvetta ta' Pattulja Ewropea, il-Eurodrone), li hija akbar min-nefqa annwali totali fir-R&Ż tal-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE, **huwa kważi impossibbli għal pajjiż wieħed li jiżviluppa diversi proġetti tal-EDF ta' daqs bħal dan fl-istess ħin.** Bl-istess mod, il-proġetti ta' interċettaturi endoatmosferiċi *EU HYDEF* u *HYDIS*<sup>2</sup> jinvolvu kostijiet kbar u sfidi tekniċi kumplessi li huma diffiċli għal kwalunkwe Stat Membru biex jilqa' għalihom b'mod indipendenti. L-EDF jipprovdi wkoll opportunitajiet uniċi għal Stati Membri iżgħar u għal pajjiżi b'industrija tad-difiża limitata biex jinvolvu l-industrija nazzjonali tagħhom fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet kbar tad-difiża tal-UE. B'mod ġenerali, **il-fond jipprovdi impatt strutturali pożittiv li jmur lil hinn mill-baġit tal-EDF innifsu.**

<sup>9</sup> L-ogħla livell huwa osservat f'CY, EE, IE, LT, LU, u EL

L-azzjonijiet tal-EDF mistennija jiżviluppaw **aktar minn 50 prototip**, li jikkostitwixxu l-blokk tat-teknoloġija u tal-kapaċità għall-kapaċitajiet ta' difiża tal-ġenerazzjoni li jmiss. Pereżempju, l-EDF jappoġġa l-iżvilupp ta' prototipi għall-kapaċitajiet u għat-teknoloġiji li ġejjin:

- **Qasam tal-ajru:** elikopters, droni (b'reżistenza twila f'altitudni medja, tattiċi, tal-kumbattiment), gwerra elettronika, sistemi ta' propulsjoni.
- **Qasam tad-difiża kontra attakki mill-ajru u l-missili:** interċettaturi endoatmosferiči, sistemi kontra d-droni, twissija bikrija tal-missili bbażata fl-ispazju.
- **Qasam tal-art:** pjattaformi tal-kumbattiment, nirien indiretti fuq medda twila, sistemi awtonoma tal-art, sistemi ta' suldati, enerġija għall-kampijiet militari, sistemi ta' kmand u kontroll.
- **Qasam navali:** pjattaformi (il-Korvetta ta' Pattulja Ewropea, il-bastimenti semiawtonomi ta' daqs medju), il-kontromiżuri għall-mini, il-komunikazzjonijiet taħt l-ilma, il-protezzjoni ta' qiegħ il-baħar u tal-infrastruttura kritika.
- **Qasam spazjali:** Ir-riċevituri tas-Servizz Pubbliku Regolat (PRS, Public Regulated Service), l-għarfien tas-sitwazzjoni spazjali, l-ISR ibbażati fl-ispazju jew is-satelliti psewdo ta' altitudni għolja.
- **Qasam ċibernetiku:** l-għarfien ċibernetiku tas-sitwazzjoni, il-meded ċibernetiċi, is-sistemi interoperabbli għall-operazzjonijiet tad-difiża ċibernetika u tal-gwerra tal-informazzjoni.

Barra minn hekk, l-EDF **jikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika tal-UE** billi jappoġġa diversi proġetti għall-iżvilupp ta' teknoloġiji u prodotti tad-difiża li għalihom l-Ewropa bħalissa hija dipendenti bis-sħiħ fuq pajjiżi terzi u li għalihom ma hemm l-ebda alternattiva tal-UE.

**Kaxxa tal-proġett: Proġetti tal-EDF li jindirizzaw lakuni ewlenin fil-kapaċità u li jikkontribwixxu għall-awtonomija strateġika tal-UE**

- a) **Difiża minn missili ipersoniċi:** L-EU HYDEF u l-HYDIS<sup>2</sup> huma proġetti tal-EDF iffinanzjati biex jiżviluppaw kapaċitajiet relatati mal-interċettazzjoni ta' missili ipersoniċi. Qabel dan, ma kien hemm l-ebda programm li jiżviluppa tali kapaċità kritika meħtieġa għad-difiża tal-Ewropa.
- b) **EUROMALE:** L-iżvilupp ta' dron b'Reżistenza Twila f'Altitudni Medja (MALE, European Medium Altitude Long Endurance) kompletament sovrani jindirizza nuqqas ta' kapaċità kritika fil-forzi armati Ewropej.
- c) **Twissija bikrija tal-missili bbażata fl-ispazju:** Permezz tal-proġett EYE II tal-ODIN, l-EDF jappoġġa l-iżvilupp ta' kapaċitajiet kompletament sovrani u indipendenti ddedikati għal twissija bikrija bbażata fl-ispazju għad-detezzjoni u għat-traċċar ta' missili ballistiċi u theddid ipersoniku ġdid. Kapaċità kritika bħal din tneħħi d-dipendenzi attwali fuq pajjiżi terzi u żżid l-awtonomija tal-UE fl-ispazju.
- d) **Inġenji tal-Ajru Tattiċi Futuri ta' Daqs Medju għall-Merkanzija (FMTC, Future Mid-size Tactical Cargo):** L-EDF jikkontribwixxi għall-finanzjament ta' inġenju tal-ajru FMTC Ewropew tal-ġenerazzjoni li jmiss. Din il-kapaċità tat-trasport militari hija faċilitatur ewleni għat-twettiq

**Fir-rigward tal-interoperabbiltà u l-interkambjabbiltà tas-sistemi tad-difiża**, l-EDF għandu l-potenzjal li jtejjeb it-tnejn li huma, bi proġetti tal-EDF li jindirizzaw komponenti jew sottosistemi li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għal diversi kapaċitajiet futuri. Barra minn hekk, filwaqt li s-sistemi finali li jużaw it-teknoloġija jistgħu potenzjalment jiġu żviluppati fil-livell nazzjonali u l-Istati Membri jispiċċaw jikkompetu kontra xulxin, ħafna teknoloġiji

bażiċi jibbenefikaw minn żviluppi konġunti billi jżidu l-effiċjenza fl-infiq u l-kompetittività fis-suq.

### **L-indirizzar ta' prijoritajiet emerġenti u li qed jinbidlu**

Il-kunflitti militari reċenti taw prominenza lil “modi ġodda ta' għied tal-gwerra” u jiffokaw fuq vetturi speċifiċi għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet filwaqt li, fl-istess ħin, jaċċelleraw ix-xejriet preeżistenti. Dan huwa l-każ pereżempju bl-iżvilupp u bl-użu ta' pjattaformi mingħajr bdot abbord, id-difiża kontra attakki mill-ajru u l-missili, fil-qasam tal-ispazju u fil-qasam ċibernetiku. Il-programmi ta' ħidma tal-EDF **indirizzaw b'suċċess dawn il-prijoritajiet emerġenti u li qed jinbidlu**, pereżempju bl-estensjoni tal-oqsma indirizzati taħt il-kategorija ta' azzjoni “Difiża kontra attakki mill-ajru u l-missili” b'rispons għall-importanza dejjem tikber ta' dan il-qasam, u taħt “Protezzjoni u mobbiltà tal-forza”, bl-indirizzar tat-*trasport strateġiku bl-ajru ta' tagħbija akbar min-normal* sabiex tiġi indirizzata lakuna ewlenija fil-kapaċità li hija aggravata aktar min-nuqqas ta' disponibbiltà tal-flotta tat-*trasport Antonov*.

Barra minn hekk, **ċerti suġġetti li inizjalment kellhom finanzjament aktar baxx ingħataw importanza dejjem akbar maż-żmien**. Pereżempju, il-kategorija tal-“Gwerra ta' taħt l-ilma” — b'dipendenza dejjem akbar mill-infrastruttura ta' taħt l-ilma bħal pipelines tal-gass jew kejbils tal-internet — ingħatat attenzjoni akbar. Din ir-riprijoritizzazzjoni hija allinjata mal-għan usa' tal-EDF li jibbilanċja l-innovazzjoni fit-tul mad-domandi tal-kuntast attwali tas-sigurtà.

L-EDF beda jappoġġa wkoll l-**integrazzjoni progressiva tal-industrija tad-difiża Ukrena** fl-EDTIB. Filwaqt li skont ir-Regolament tal-EDF l-entitajiet Ukreni jistgħu jipparteċipaw biss fi proġetti ta' riċerka bħala sħab assoċjati (u ma jistgħux jirċievu finanzjament mill-EDF), jew bħala fornituri ta' prodotti, xogħlijiet jew servizzi meħtieġa biex jitwettqu proġetti tal-EDF, il-miżuri ta' appoġġ tal-EDF diġà jippermettu lill-entitajiet Ukreni jipparteċipaw f'attivitajiet speċifiċi ta' innovazzjoni fid-difiża tal-EDF<sup>10</sup>.

### **L-iżgurar tal-kontinwità tal-isforz**

L-iżgurar tal-kontinwità tal-isforz tul iċ-ċiklu tar-R&Ż sal-adozzjoni fis-suq ġie enfasizzat mill-industrija tad-difiża bħala wieħed mill-benefiċċji ewlenin tal-EDF. Dan għen biex jiġu salvati diversi proġetti tad-difiża mill-“wied tal-mewt” peress li kieku ma kinux jirċievu finanzjament ulterjuri fil-livell nazzjonali biex jgħaddu għall-istadju kritiku tal-finanzjament bejn l-iżvilupp tal-prodott u l-adozzjoni tal-klijenti u jagħtu riżultati konkreti għall-forzi armati tal-Istati Membri. Aktar minn nofs il-proġetti tal-EDIDP ġew segwiti taħt l-EDF, u b'hekk ġiet żgurata l-kontinwità tal-proġetti, filwaqt li għadd dejjem akbar ta' proġetti tal-EDF għandhom ukoll finanzjament għall-istadji li jmiss tagħhom, filwaqt li jsir progress fit-teknoloġija jew fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet. Il-fatt li l-proġetti ta' riċerka tkomplew bħala proġetti ta' żvilupp ma għandux jitqies bħala l-indikatur waħdieni jew ewlieni ta' suċċess. Ħafna proġetti, speċjalment dawk relatati ma' kapaċitajiet kbar u kumpleksi, jibnu fuq pjanijiet direzzjonali fit-tul dwar it-teknoloġija jew il-kapaċità u xi drabi jeħtieġ li jkollhom diversi suġġetti ta' segwitu qabel ma jidħlu fil-fażi finali tar-R&Ż. Dan huwa l-każ, pereżempju, bl-iżvilupp ta' inġenji tal-ajru tattiċi futuri ta' daqs medju għall-merkanzija, jew teknoloġiji tar-radar avvanzati, li t-tnejn li huma ġew indirizzati darbtejn fil-perjodu ta' riċerka tal-EDF.

---

<sup>10</sup> Pereżempju permezz ta' appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi taħt suġġetti speċifiċi ta' sejħiet, jew permezz ta' hackathons.

Sfida partikolari f'dan ir-rigward kienet biex jinstab il-**bilanċ it-tajjeb** bejn is-**sejħiet** kompetittivi u l-**iżgurar tal-kontinwità tal-isforz permezz ta' għotjiet diretti** ladarba l-konsorzji, magħżula permezz ta' proċess kompetittiv, ikunu wrew il-kapaċità tagħhom li jagħtu riżultati f'waqthom matul proġetti kontinwi. Element ewlieni addizzjonali huwa li **jiġi żgurati impenn qawwi mill-Istati Membri** għall-kontinwità tar-R&Ż. Lil hinn mill-kontribuzzjoni tal-EDF, il-proġetti ta' żvilupp tal-EDF jirrikjedu finanzjament komplementari ("kofinanzjament") mill-Istati Membri li joffru appoġġ jew minn sorsi oħra (eż. riżorsi proprji tal-konsorzju), biex jiġu koperti bis-sħiħ il-kostijiet tal-proġetti. Id-dimostrazzjoni ta' kofinanzjament bħal dan hija kundizzjoni ta' eliġibbiltà għall-proġetti ta' żvilupp u ġiet stabbilita biex tinċentiva l-ingranaġġ ta' kontribuzzjonijiet nazzjonali addizzjonali u b'hekk tiżgura impenn tal-Istati Membri biex jadottaw ir-riżultati tar-R&Ż. Bil-progress tal-implimentazzjoni tal-programm, u bi proġetti ta' segwitu li laħqu stadji oġhla ta' żvilupp, kien hemm żieda fil-kofinanzjament meħtieġ, kemm f'termini tal-ammont kif ukoll tas-sehem, b'valuri partikolarment għoljin f'dawn l-aħħar snin. Il-proġetti ta' żvilupp jiffaċċjaw **sfidi** serji **biex jiġi stabbilit il-qafas finanzjarju konġunt sħiħ**. Għal xi proġetti l-kofinanzjament għadu mhux stabbilit diversi snin wara li bdew il-proġetti, u dan iwassal għal dewmien serju. Fir-rigward tal-kwistjonijiet li jistgħu jispjegaw il-proċess twil tal-istabbiliment ta' oqfsa ta' kofinanzjament, l-Istati Membri rrapportaw diffikultà biex jaqblu dwar il-Memoranda ta' Qbil u d-drittijiet tal-utenti meħtieġa, li f'ħafna każijiet huma prerekwiżit għall-iffirmar ta' kuntratti ta' kofinanzjament nazzjonali. **Għalhekk, il-kofinanzjament jibqa' punt importanti ta' attenzjoni** għall-implimentazzjoni tal-EDF.

### **Lejn l-akkwist tal-eżiti tal-proġetti**

L-EDF se jkun ta' suċċess jekk l-Istati Membri jiksibu l-kapaċitajiet li l-Fond jgħin biex jiżviluppa. Minkejja l-istadju bikri tal-implimentazzjoni tal-EDF, hemm sinjali pożittivi dwar il-potenzjal tal-akkwist għar-riżultati tal-proġetti, b'xi akkwisti li diġà qed jimmaterializzaw. Nofs l-Istati Membri kkonsultati matul l-evalwazzjoni nnotaw li r-riżultati tal-proġett tal-EDF, tal-EDIDP jew tal-PADR diġà kienu qed jinkisbu fil-livell nazzjonali jew x'aktarx jinkisbu dalwaqt, filwaqt li l-bqija tar-riżpondenti ddikjaraw li kien kmieni wisq biex tingħata tweġiba definittiva.

#### **Kaxxa tal-proġett: Korvetta ta' Pattulja Ewropea**

Il-proġett tal-Korvetta ta' Pattulja Ewropea (EPC, European Patrol Corvette) tal-EDF jappoġġa l-iżvilupp ta' bastiment tal-klassi tal-korvetta li kapaċi jwettaq firxa wiesgħa ta' missjonijiet f'kuntesti operazzjonali marittimi futuri. Erba' Stati Membri tal-UE (sa Novembru 2024: Franza, l-Italja, Spanja, il-Greċja) esprimew formalment l-interess fil-akkwist, u wħud minnhom diġà allokaw **fondi tal-akkwist fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom dwar il-kapaċità**. Il-kontribuzzjoni totali tal-EDF hija sinifikanti u żgurati kontinwità b'saħħitha tal-proġett. **Huma mistennija kuntratti ta' akkwist għal numru b'żewġ ċifri ta' bastimenti** u hemm interess dejjem akbar minn Stati Membri oħra.

Barra minn hekk, l-ewwel eżiti tal-proġett **bdew jiġu introdotti fil-forzi armati tal-Istati Membri tal-UE u qed jagħmlu differenza fil-kamp tal-battalja**. Dan jinkludi oqsma kritiċi bħal soluzzjonijiet għall-gwerra kontra l-mini tal-baħar, sistemi mingħajr bdot abbord jew id-difiża ċibernetika. Uħud mit-teknoloġiji żviluppanti bl-appoġġ tal-UE diġà qed jintużaw fl-Ukrajna.

**Kaxxa tal-proġett: Integrazzjoni tar-riżultat tal-proġett fil-flotot tal-gwerra tal-Istati Membri**

Soluzzjonijiet innovattivi għall-gwerra kontra l-mini tal-baħar biex jinkisbu operazzjonijiet aħjar, aktar rapidi, aktar sikuri u aktar reżiljenti ta' kontromiżura għall-mini: Id-disinn, il-prototip u d-dimostrazzjoni ta' sistema ta' sistemi magħmula minn għodod awtonomi mingħajr bdot abbord, pjattaformi intelliġenti, sensuri u l-appoġġ għad-deċiżjonijiet tagħhom, ġew żviluppanti bl-appoġġ tal-proġetti MIRICLE u E=MCM u integrati abbord **klassi ġdida ta' bastimenti ta' kontromiżura għall-mini akkwistati b'mod konġunt mill-flotta tal-gwerra tan-Netherlands u minn dik tal-Belġju** (12-il bastiment ordnat, b'potenzjal għal operaturi oħra). L-ewwel bastiment tal-klassi huwa ppjanat li jidħol fis-servizz fil-flotta tal-gwerra tal-Belġju fl-2025.

**Kaxxa tal-proġett: Eżiti tal-proġett użati fl-Ukrajna**

Il-proġett iMUGS tal-EDIDP jappoġġa l-iżvilupp ta' kapaċitajiet awtonomi ta' pjattaforma eżistenti biex tiġi indirizzata firxa kbira ta' missjonijiet. Il-pjattaforma tinsab f'użu operazzjonali fl-Ukrajna għat-tneħħija tal-mini miż-żoni fejn hemm minnhom, għall-evakwazzjoni tal-vittmi u għal-loġistika. Soluzzjonijiet awtonomi ta' sorveljanza u rikonnoxximent tat-theddid żviluppanti taħt il-proġett AI4DEF qed jintużaw mill-forzi armati

### **3. IT-TRASFORMAZZJONI TAD-DIFIŻA PERMEZZ TAL-INNOVAZZJONI: IŻ-ŻAMMA TA' VANTAĠĠ KOMPETITTIV**

Biex tibqa' kompetittiva, l-UE trid tiżviluppa ekosistema tal-innovazzjoni tad-difiża. Għalhekk, l-aċċellerazzjoni tad-TRASFORMAZZJONI tad-difiża permezz tal-**innovazzjoni, inkluż fit-teknoloġiji fixkiela**, ġiet appoġġata b'mod attiv mill-FEŻ taħt l-**“Iskema tal-UE għall-Innovazzjoni fid-Difiża”** (EUDIS, EU Defence Innovation Scheme). B'baġit kumplessiv ta' EUR 1,5 biljun sal-2027, jiġifieri madwar 20 % tal-baġit tal-EDF, mistennija li tiġi kkomplementata b'EUR 400-500 miljun minn sorsi pubbliċi u privati oħra.

Il-miżuri tal-EUDIS jinkludu sejħiet dedikati mhux tematiċi għar-R&Ż kif ukoll l-**introduzzjoni ta' mekkaniżmi ġodda** bħal “Appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi” b'appoġġ għall-aċċellerazzjoni f'oqsma speċifiċi tat-teknoloġija, sinerġiji msaħħa bejn ir-riċerka ċivili u tad-difiża ffinanzjata mill-UE, “Sfidi teknoloġiċi” u appoġġ għal riċerka dwar teknoloġiji fixkiela ta' riskju għoli/rendiment għoli. Barra minn hekk, ġie żviluppat gradwalment **sett ta' servizzi ta' appoġġ innovattivi għall-SMEs u għall-kumpaniji start-up**. Dan jinkludi l-hackathons tad-difiża, il-coaching tan-negozji, l-appoġġ għall-aċċellerazzjoni, is-servizzi ta' tlaqqiġ u l-istabbiliment ta' Faċilità ta' Ekwità tad-Difiża permezz tal-Fond Ewropew tal-Investment biex jiġi sfruttat il-kapital ħalli jiġu ffinanzjati kumpaniji intensivi fir-R&Ż.

Il-miżuri tal-EUDIS jinkludu wkoll **sejħiet spin-in** għall-proposti. Dawn jinfluwenzaw it-teknoloġiji b'potenzjal ta' użu doppju mir-R&Ż iffinanzjati mill-UE fil-qasam ċivili (eż. Orizzont Ewropa), li jippermettu l-adattament tagħhom għall-applikazzjonijiet tad-difiża. Sa issa, is-sejħiet spin-in tal-EDF indirizzaw l-oqsma tas-sistemi ċibernetiċi, tal-enerġija u tal-potenza, tal-materjali ta' prestazzjoni għolja, tal-komponenti elettroniċi, tal-ispazju u tas-sistemi awtonomi. Fl-istess ħin, l-EDF jiżgura sinerġiji mal-**Programm Spazjali tal-UE** billi jiffinanzja l-iżvilupp ta' teknoloġiji, prodotti u kapaċitajiet li se jagħmlu użu mis-servizzi pprovduti mill-komponenti tal-Programm Spazjali tal-UE, jikkomplementawhom jew jikkollegaw magħhom. Bl-istess mod, instab li aktar minn 20 proġett ta' **Orizzont Ewropa** għandhom sinerġiji b'saħħithom mad-difiża. Mill-2024, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council), permezz tal-Iskema ta' Finanzjament ta' Tranżizzjoni tiegħu — li tgħin biex tibdel ir-riżultati tar-riċerka fi prova tal-kunċett u lil hinn — laqa' l-proposti spin-in li jibnu direttament fuq ir-riżultati ġenerati mill-EDF/PADR.

It-tagħlimiet mill-gwerra Russa ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna u l-progress teknoloġiku rapidu, minbarra l-aġġustamenti li kkontribwew għalihom fl-oqsma tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-EDF, qajmu aspettattivi li l-EDF **jeħtieġ ukoll li jipprovdi proċessi aktar**

**rapidi u aktar effiċjenti biex jiġu integrati soluzzjonijiet innovattivi ta' difiża.** Għandhom jinħolqu opportunitajiet aċċessibbli biex jiġu appoġġati proġetti li jiġibu soluzzjonijiet rapidi li jirreplikaw is-suċċess taċ-ċiklu tal-ħajja tal-innovazzjoni rapida żviluppat fl-Ukrajna, li jinkludi rispons kostanti mill-utent finali fuq il-kamp tal-battalja (ittestjar fil-ħajja reali). Meta wieħed iqis in-natura fit-tul tal-proġetti tar-R&Ż fil-qasam tad-difiża taħt l-EDF, l-ekosistema tal-innovazzjoni tad-difiża tal-UE qiegħda tiflew l-opportunità li tibbenefika mill-għarfien tal-industrija Ukrena u tal-forzi armati tagħha.

Fl-istess ħin, huwa ta' importanza vitali għas-suċċess tal-programm li jinżamm il-bilanċ it-tajeb u li jiġi żgurat li l-EDF jindirizza l-ħtiġijiet futuri u fit-tul tar-R&Ż fil-qasam tad-difiża. Strumenti oħra tad-difiża tal-UE, bħall-ASAP, l-EDIRPA u l-proposta tal-Kummissjoni għall-EDIP, jikkomplementaw l-enfasi tal-EDF billi jindirizzaw il-prijoritajiet immedjati u l-ħtiġijiet ta' emerġenza. Kif enfasizzat minn grupp ta' riflessjoni: **“l-EDF huwa programm fit-tul u tajeb li jibqa' rilevanti bl-istess mod.”**

#### **4. IR-RENDIMENTI SOĊJOEKONOMIĊI TAR-R&Ż FIL-QASAM TAD-DIFIŻA**

L-EDF mistenni li jagħti valur ċar għall-flus billi jiġġenera effetti pożittivi sinifikanti fuq il-produttività għall-ekonomija u għas-soċjetà. Dan huwa indikat minn studju makroekonomiku mwettaq miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka<sup>11</sup>. Filwaqt li qiegħed jiffaċċja limitazzjonijiet importanti minħabba l-istadju bikri tal-implimentazzjoni tal-programm, l-istudju jipprovdi għarfien siewi dwar ir-riżultati soċjoekonomiċi mistennija tal-fond. Huwa mbassar li l-EDF se jikseb impatt massimu ta' żieda ta' +0,025 % fil-PDG tal-UE fl-2030 meta mqabbel max-xenarju bażi mingħajr l-EDF, bis-saħħa tal-kombinament ta' żieda fl-investment privat u total tal-produttività tal-fattur oġhla. Dan jikkorrispondi għal żieda massima ta' EUR 2 954 miljun tal-PDG fl-2030 u l-ħolqien ta' 32 413-il impjieg addizzjonali madwar l-UE. Peress li l-EDTIB huwa stmat li jimpjega direttament madwar 500 000 persuna, din id-data turi l-impatt solidu tal-EDF għall-ekonomija. Barra minn hekk, hemm **benefiċċji potenzjali ulterjuri** għall-ambjent tal-ekonomija u tas-sigurtà tal-UE li jirriżultaw mill-investimenti tal-EDF. L-intervent tal-EDF isaħħaħ l-innovazzjoni u l-kompetittività tal-industrija tal-UE, filwaqt li jiftaħ opportunitajiet ġodda tas-suq, inkluż lil hinn mid-difiża. Dan iwassal għal infiq aktar effiċjenti fir-R&Ż (inqas lakuni u sovrappożizzjonijiet, skala akbar, aktar teħid ta' riskju), inkluż f'termini ta' interoperabbiltà, meta mqabbel ma' approċċi nazzjonali u potenzjalment duplikati. Isaħħaħ is-sigurtà tal-UE u l-influwenza tagħha fid-dinja, inkluż dwar l-istabbiliment ta' standards. L-effetti soċjoekonomiċi pożittivi addizzjonali tal-EDF ġew enfasizzati matul il-konsultazzjoni ta' evalwazzjoni *interim*. Il-partijiet ikkonċernati enfasizzaw li l-EDF wassal għal livell akbar ta' ambizzjoni minn dak li kien ikun possibbli fil-livell nazzjonali, bi proġetti b'potenzjal akbar ta' riċerka jew li jinvolvu l-iżvilupp ta' kapaċitajiet kbar li l-industrija tad-difiża kieku ma kinitx tkun kapaċi twettaq. Il-biċċa l-kbira tal-industrija tad-difiża kkonsultata indikat żieda fit-ktabbir organizzazzjonali bis-saħħa tal-EDF. Ir-rappreżentanti tal-industrija tad-difiża nnotaw li l-inġiniera, ix-xjenzati u esperti oħra jsibu opportunitajiet ta' xogħol interessanti permezz ta' inizjattivi tal-EDF li jindirizzaw id-dimensjoni tal-ħiliet.

#### **5. SIMPLIFIKAZZJONI**

Hekk kif l-EDF jevolvi, il-Kummissjoni kontinwament integrat it-tagħlimiet meħuda. Dan wassal għal **simplifikazzjoni kontinwa** tal-implimentazzjoni tal-programm. Il-partijiet ikkonċernati kkonsultati enfasizzaw il-funzjonament bla xkiel tal-EDF: il-kumment rikorrenti fil-konsultazzjonijiet mal-benefiċjarji kien li l-EDF sar programm aktar sempliċi biex wieħed

---

<sup>11</sup> *The RHOMOLO macroeconomic impact assessment of the EDF 2021-2027 (2025)*, JRC Sivilja

japplika għalih u biex taħdem bih iktar ma sar magħruf aħjar matul is-snin. Dan huwa validu wkoll meta l-EDF jitqabbel ma' programmi prekursori peress li l-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-benefiċjarji kollettivament hađu tagħlimiet u stabbilew prattiki li jaħdmu tajjeb u li saru rutina.

Titjib notevoli jinkludi l-introduzzjoni ta' sottomissjoni kompletament elettronika u gesticjoni tal-proġetti appoġġati minn mudelli mfassla u formalizzati biex jittrattaw l-aspetti kollha tar-Regolament tal-EDF f'approċċ aktar standardizzat. Sena wara sena, il-programmi ta' ħidma tal-EDF u s-sejħiet tal-EDF jiġu ppubblikati aktar kmieni, u b'hekk l-applikanti jkunu jistgħu jippreparaw aktar proposti, jiżguraw l-appoġġ meħtieġ mill-Istati Membri u japplikaw għall-finanzjament. Iż-żmien meħtieġ biex jitwettqu l-evalwazzjonijiet tnaqqas, u b'mod ġenerali, il-maġġoranza l-kbira tal-benefiċjarji kkonsultati ddikjaraw li l-istadju tal-implimentazzjoni tal-proġett huwa aktar effiċjenti bl-EDF milli fi programmi prekursori, bi proċeduri mtejbja u miżuri ta' simplifikazzjoni.

Filwaqt li diġà sar ħafna biex tiġi ssimplifikata l-implimentazzjoni tal-EDF, għad hemm lok għal titjib. Il-konsultazzjonijiet wasslu għal aktar ideat dwar is-simplifikazzjoni fuq perjodu qasir (inkluż permezz tal-Omnibus dwar id-difiża) u fit-tul.

## 6. KONKLUŻJONI

Il-kuntest strateġiku li sejjer għall-aħjar malajr wera li l-EDF ma huwiex programm "importanti" iżda "essenzjali", peress li huwa meħtieġ li jsir aktar investiment fir-R&Ż fil-qasam tad-difiża issa biex jiġi żgurat li l-kapaċitajiet futuri tal-ogħla livell ta' żvilupp jitwasslu fil-ħin. L-EDF għabar b'suċċess ir-R&Ż fil-qasam tad-difiża taħt programm uniku, fuq medda medja sa fit-tul, u rikonossut sew, li jikkontribwixxi għal xenarju koerenti u aktar integrat tar-R&Ż fil-qasam tad-difiża tal-UE.

Filwaqt li l-proġetti tal-EDF għad ma kellhomx żmien biex jipproduċu r-riżultati u l-impatt mistennija sħaħ tagħhom, diġà huwa ċar li l-fond wassal għal appoġġ effettiv matul iċ-ċiklu kollu tar-R&Ż tal-kapaċitajiet u ħeġġeġ kooperazzjoni transfruntiera b'saħħitha, li twassal għal titjib fl-effiċjenza.

Minħabba l-isfidi finanzjarji u teknoloġiċi konsiderevoli li qed jiffaċċjaw ir-R&Ż fil-qasam tad-difiża, il-ħtieġa ta' ppjanar pluriennali aktar strateġiku li jipprovdi lill-industrija bi prevedibbiltà saret punt importanti għall-futur tal-programm. Barra minn hekk, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, se taħdem fuq l-iżvilupp ta' rabta aktar b'saħħitha mal-akkwist (meta jkun rilevanti b'mod konġunt) mill-forzi armati tal-Istati Membri tar-riżultati u tal-eżiti tal-proġetti tal-EDF.

L-EDF kontinwament integra t-tagħlimiet meħuda mis-snin preċedenti. Dan wassal għas-simplifikazzjoni kontinwa tal-implimentazzjoni tal-programm, u l-Kummissjoni se tkompli taħdem lejha EDF aktar sempliċi, aktar faċli għall-utent u li jkollu impatt akbar.

L-informazzjoni intuittiva u l-konklużjonijiet ewlenin mill-evalwazzjoni *interim* tal-EDF mistennija li jkollhom rwol kritiku fit-tiswir tas-snin li jifdal tal-implimentazzjoni tal-fond u jinfurmaw id-deċiżjonijiet ta' politika għal inizjattivi futuri tar-R&Ż fil-qasam tad-difiża tal-UE.